# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

## Il-Pulizija
## (Assistent Kummissarju Ian J Abdilla)
## vs
## Charlot Caruana

**Illum 8 ta' Lulju 2019**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Charlot Caruana, ta' 45 sena, bin Raymond u Nicolette nee' Vassallo, imwieled Pieta' nhar il-31 ta' Awwissu, 1974 u residenti f'Icaria Mans, Flat 5, Triq Santa Margerita, Siggiewi u detentur tal-karta ta' l-Identita' bin-numru 422374(M).

Akkuzat talli fis-sena 2008, u fis-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama' jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;
2. U aktar tali fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi fil-kapacita tieghu ta' ufficjal jew impjegat pubbliku illi b'abbuz tal-kariga jew impjieg

tieghu, sar hati ta' wiehed mid-delitti imsemmijin f'l-artikoli 166 u 167 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti

Il-Qorti, giet mitluba wkoll li f'kaz ta' sejbien ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta Malta:
1. 18, 308, 309 u 310(1)(a);
2. 23, 23B u 23C;
3. 10(1)(2)(4)(7) u 190;
4. 18, 166(1)(2)(3), 167(1)(2)(3) u 168(1)(2); u
5. 7, 8, 9, 11, 17, 20, 31, 532A, 532B, u 533.

Rat li l-imputat ma kellhux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan huwa kaz li jikkoncerna obbligazzjonijiet kuntrattwali ta' l-imputat fil-konfront tal-Gvern.

Illi l-fatti fil-qosor huma s-segwenti:

- Fid-9 ta' Gunju 1994 l-imputat iffirma kuntratt mal-Gvern permezz ta' liema huwa inghata allowance ta' sebat elef liri Maltija waqt li kien qed isegwi course li jwassal ghal Diploma in Nursing. Da parti tieghu l-imputat obbliga ruhhu li, wara li jtemm b'success il-course, iservi 'l Gvern f'impjieg ghal perjodu ta' tlett snin bi dritt tal-Gvern li jesiegi

rifuzzjoni tas-somma imsemmija f'kaz ta' inadempjenza da parti ta'l-imputat.

- L-imputat temm il-course fit-22 ta' Novembru 1997[1] u iffirma ftehiem ai termini ta' liema kellu ser jibda jahdem bhala Staff Nurse fuq roster ta' erbghin siegha fil-gimgha f'l-ITU b'effett mit-12 ta' Novembru 1997. Gie iffirmat ftehiem iehor f' Jannar 1998 permezz ta' liema zdiedu xi ftit is-sieghat fir-roster ta'l-imputat; dan b'effett mill-1 ta' Jannar 1998.
- L-imputat irrizenja minn dan l-impjieg b'effett mill-1 ta' Novembru 1998. Peress li l-awtoritajiet deherilhom li dan kien bi ksur tal-ftehiem tad-9 ta' Gunju 1994 talbu lill-imputat jirrifondi s-somma ta' Lm4,726.
- Il-pretensjoni ta'l-awtoritajiet giet rifjutata mill-imputat, fatt li wassal ghal skambju ta' korrispondenza inkluz ittra ufficjali mibghuta mill-awtoritajiet lill-imputat.
- Gara pero li, fuq suggeriment ta'l-imputat permezz ta' ittra tieghu datata 3 ta' Lulju 2001, intlahaq ftehiem iehor bejn il-partijiet. Peremzz ta' dan il-ftehiem l-imputat inghata l-opportunita li jonora l-obbligi minnu assunti fis-sena 1994 minghajr ma jhallas penali billi jerga jibda jahdem bhala Staff Nurse ghalkemm din id-darba fuq bazi part-time u b'roster ta' tlettin siegha fil-gimgha. Huwa iffirma skrittura fit-3 ta' Settembru 2001 li kellha tidhol fis-sehh fis-6 ta Settembru 2001. Peress li issa kien qed jahdem fuq bazi part-time iz-zmien li kellu jahdem ai termini ta' dan l-arrangament kien ta' sentejn u disgha xhur.
- Minkejja dan il-ftehiem l-imputat xorta ma kienx qed jahdem is-sieghat miftehma tant li bejn it-8 ta' Settembru 2001 u s-27 ta' Ottubru 2001, perjodu ta' sebgha gimghat, huwa hadem biss tnejn u sittin (62) siegha. L-imputat naqas li jattendi ghax-xoghol fix-xhur sussegwenti, ghalhekk rega' gie mitlub jirrifondi l-bilanc dovuta ai termini tal-ftehiem tas-sena 1994.
- Regghet bdiet korrispondenza u azzjoni legali li wasslu ghal ftehiem iehor datat 16 ta' April 2004 permezz ta' liema gie miftiehem li l-imputat jinghata opportunita ohra biex jonora l-obbligi kontrattwali tieghu billi jahdem bhala (nurse) reliever fuq bazi part-time b'minimu ta' ghoxrin siegha fil-gimgha ghal erbgha snin u ghoxrin gurnata.

[1] Din hija d-data meta huwa nghata d-diploma; ref Dok MT1 a fol 78 prezentat minn rapprezentant ta'l-Universita ta' Malta, Marco Tabone (depozizzjoni a fol 76).

Illi dawn il-fatti jirrizultaw ampjament mill-provi processwali[2] u ftit li xejn hemm kontestazzjoni dwarhom. Il-kontestazzjoni principali tirreferi ghal dak li gara wara dan l-ahhar ftehiem tas-16 ta' April 2004; l-imputazzjonijiet odjerni fil-fatt huma bazati fuq dak li gara wara s-16 ta' April 2004 sas-16 ta' Frar 2008. Il-prosekuzzjoni tallega li l-imputat kien jiffirma l-attendenza izda ma kienx qed jippresta servizzi bhala reliever staff nurse; l-imputat da parti tieghu fil-waqt li jammetti li huwa ma kienx qed jippresta servizzi bhala staff nurse jallega li huwa kien qed jippresta servizzi ohra relatati ma' health and safety f'l-isptar.

Ikkunsidrat

Illi xehedu diversi persuni li kienu jahdmu fil-Ministeru jew dipartiment tas-sahha fil-perjodu in ezami:

1. Andrew Xuereb[3], li kien jokkupa l-kariga ta' Direttur tar-Rizorsi Umani, spjega li fil-perjodu in ezami is-sistema kienet li r-relievers jirrappurtaw f'l-SNO office[4], jiffirmaw hemm u jirrappurtaw ghand is-senior nursing manager ta' bil-lejl biex jallokalhom swali skond l-esigenzi tal-gurnata; record ta' din l-allokazzjoni kienet tigi mizmuma f'registru (detailing register). Dan ix-xhud jghid li kien ircieva rapport li l-imputat kien qed jiffirma r-registru izda ma kienx qed jirrapporta ghand is-senior nursing manager u konsegwentement ma kienx qed jigi allokat xoghol lill-imputat. Fil-fatt mir-registri ta' fejn kienu jigu allokati ir-relievers ma jirrizultax li l-imputat kien qed jigi allokat fi swali. Saret investigazzjoni interna minnu u mis-CEO ta' dak iz-zmien: Marion Rizzo, liema rapport jidher fil-file personali tal-imputat[5]. Minn dan ir-rapport jidher li r-relievers kienu jiffirmaw attendenza, li fuqha kienet tinhadem il-paga, f'registru li kien jinzamm barra l-SNO office; ma kienux isiru verifiki mad-detailing register ai fini ta' hlas tal-paga lir-relievers. Ix-xhud specifika li l-imputat kien gie allokat xoghol tmien darbiet biss.

---

[2] Partikolarment mill-file personali ta'l-imputat li l-originali tieghu huwa esebiet a fol 27.
[3] Depozizzjoni a fol 34 et seq.
[4] Cioe f'l-ufficju tan-Nursing Management.
[5] Minuta 107 datata 21 ta' Frar 2008.

2. Marion Rizzo[6], li fis-sena 2008 kienet tokkupa l-kariga ta' Chief Executive f'l-isptar Mater Dei, ghalkemm ma tfakritx id-dettalji tal-kaz ikkonfermat il-kontenut tar-rapport ta'l-investigazzjoni li kienet saret u li hija iffirmat.

3. Emmanuel Scerri[7], li jokkupa l-kariga ta' skrivan, ikkonferma li kien propju hu li darba f'gimgha kien jigbor r-registru tal-part-timers, li kien jinzamm barra l-administration, biex jaghmel updates tal-hinijiet li jkunu hadmu. Kien hemm okkazzjoni meta xi hadd gibidlu l-attenzjoni li ghalkemm kien hemm il-firem ta'l-imputat dan ma kienx qed ikun xoghol; huwa deherlu li kellu jinforma lis-superjuri tieghu. Huwa l-ewwel li informa kien li certu Kenneth Buttigieg, flimkien kellmu lil Victor Tonna biex mbaghad it-tlieta li huma marru ghand id-Director of Nursing: Emanuel Bezzina. Dak il-hin Emauel Bezzina cempel lill-imputat pero malli bdiet il-konverzazzjoni telefonika bejn Emanuel Bezzina u l-imputat ix-xhud telaq mill-ufficju ta' Bezzina.

4. Kenneth Buttigieg[8], li dak il-perjodu kien jahdem fis-salaries office jikkonferma dak li qal Emanuel Scerri inkluz li Emanuel Bezzina cempel lill-imputat fil-prezenza tieghu; it-telefonata kienet fuq speaker phone. Jiftakar li Bezzina saqsa lill-imputat fejn kien xoghol il-gurnata ta' qabel u li l-imputat qallu li kien Fairyland.

5. Victor Tonna[9], li dak iz-zmien kien officer in charge salaries, ikkonferma l-verzjoni mghotija miz-zewg kollegi tieghu.

6. Emanuel Bezzina[10], iddepona fis-26 ta' Settembru 2016 f'liema data diga kien ilu rtirat mix-xoghol. Huwa ma ftakarx id-dettalji tal-kaz pero muri ir-rapport dwar l-imputat, rapport redatt minn Andrew Xuereb u Marion Rizzo, ikkonferma l-involviment tieghu kif specifikat fir-rapport.

---

[6] Depozizzjoni a fol 51 et seq.
[7] Depozizzjoni a fol 96 et seq.
[8] Depozizzjoni a fol 106 et seq.
[9] Depozizzjoni a fol 122 et seq.
[10] Depozizzjoni a fol 126 et seq.

7. Publius Abdilla[11], li kien jokkupa l-kariga ta' nursing manager, iddepona fis-7 ta' Novembru 2016 f'liema data hu ukoll kien ilu irtirat mix-xoghol; ma jiftakarx d-dettalji tal-kaz in ezami. Pero in kontro-ezami jikkonferma li f'dak il-perjodu il-human resources manager kien certu Mark Scicluna u li jekk Scicluna jkollu bzonn li xi nurse jahdem f'post partikolari jew ikollu arrangament partikolari, huwa, cioe Abdilla kien jigi infurmat. Abdilla qal ukoll li Mark Scicluna ma kienx iqassam lin-nurses ghaliex dak kien xoghol ix-xhud, cioe Abdilla. Abdilla fuq aktar mistoqsijiet in kontro-ezami f'dan is-sens insista li ma kenitx procedura li l-HR director jalloka in-nies ghaliex dak kien xogholu.

Illi tressaq bhala xhud ukoll rapprezentant ta' Jobsplus: Joseph Saliba. Mid-depozizzjoni tieghu[12] u mill-employment history li huwa esebixxa[13] jirrizulta inter alia li fis-16 ta' April 200[4] (id-data ta'l-ahhar kuntratt bejn l-imputat u l-awtoritajiet tas-sahha) gie registrat bhala nurse fuq bazi part time mal-Ministeru tas-Sahha u dan ghal zmien indefinit. Mill-istess dokument jirrizulta li:

- sa' l-ahhar tas-sena 2004 kien impjegat ukoll fuq bazi full time mas-socjeta Bexter Limited bhala occupational health officer[14];
- mit-3 ta' Jannar 2005 sas-26 ta' Dicembru 2006 kien impjegat fuq bazi full time mas-socjeta Foster Clark Products Limited bhala OHSE manager;
- mit-12 ta' Frar 2007 sal-31 ta' Awissu 2007 ikien immpjegat fuq bazi full time mas-socjeta Medichem Manufacturing Malta Limited bhala Head of EPHS; u
- mit-2 ta' Frar 2008 sat-8 ta' Awissu 2008 kien impjegat fuq bazi full time mas-socjeta Attard Bros Company Limited bhala safety officer.

Ili ghandu jigi rilevat li l-prosekuzzjoni ressqet diversi persuni ohra biex jaghtu d-depozizzjoni taghhom; kemm pulizija biex jghatu informazzjoni dwar l-investigazzjoni li saret f'dan il-kaz, kif ukoll imjegati u ex-impjegati tad-dipartiment tas-sahha. Minn dawn ta' l-ahhar hafna huma irtirati mix-

[11] Depozizzjoni a fol 143 et seq.
[12] A fol 70 et seq.
[13] Dok JS1 a fol 72 et seq.
[14] Huwa kien ilu hekk registrat mit-2 ta' Novembru 1998.

xoghol u ma ftakru xejn dwar il-kaz in ezami; ohrajn ma tawx informazzjoni relevanti ghar-rizoluzzjoni tal-punti in kontestazzjoni u ghalhekk ikun ezercizzju inutli li d-depozzzizzjoni tgahhom tigi riprodotta anke jekk in sintezi.

Illi l-imputat xehed[15]. Wara li ta informazzjoni dwar il-kwalifiki tieghu u l-avvenimenti li wasslu ghall-ftehiem tas-sena 2004, jghid li, milhuq dan il-ftehiem, bdew jinqalghu problemi biex jaghmel ix-xoghol fil-hinjiet miftehma. Jghid li ma jafx minn fejn u ma jafx kif gie ikkuntattjat minn Mark Scicluna u dan Scicluna qallu li mic-CV tieghu jidher li kien jaghnel xoghol ta' health and saftey. L-imputat ikkonferma li f'dak il-perjodu dak kien xogholu ghalhekk Scicluna talbu jekk iridx li s-sieghat li kien obbliga ruhu li jahdem, jaghmilhom health and saftey. L-imputat jghid li huwa accetta din il-proposta u bdew jiltaqghu regolarment. L-imputat qal ukoll li Paul Abdilla, in-nursing manager gie inffurmat. L-imputat saqsa lil Scicluna kif ser jibda jiffirma u dan qallu li jibda jigi l-ufficcju, jaghtih ix-xoghol, u skond l-esigenzi tieghu wara l-hin tax-xoghol ta'l-imputat mal-Baxter jaghmel ix-xoghol li jallokalu Scicluna. Jghid l-imputat li hu kien jiltaqa' ma' Scicluna il-Gimgha. Dwar ix-xoghol li kien jaghmel l-imputat jghid li parti minn xogholu kien li jaghti training lil haddiema ta' St Luke's u kull nhar ta' Sibt kien juza l-board room ta' l-isptar jew biex jaghti training jew bix jaghmel ix-xoghol li jqabbdu Scicluna. L-imputat jghid ukoll li huwa kien jaghmel ukoll risk assessments biex jghaddihom lil Scicluna biex mbaghad dan jipprocessahom. L-imputat jghid li Scicluna kien laqqghu ma' Dennis Grech li kien operations manager li ghaddielu pjanta ta' l-isptar. L-imputat qal ukoll li wara certu zmien ma baqax jisma minn Mark Scicluna, inqata' l-kuntatt, ma jafx sar minnu u ghalkemm prova jaghmel kuntatt mieghu ma rnexxielux. L-imputat insista li Scicluna qallu biex ikompi jiffirma fin-nursing office.

Illi fil-kors tad-depozizzjoni tieghu l-imputat prezenta sensiela ta' dokumenti in sostenn ta' dak li huwa kien qed jghid. Fosthom hemm:

- certifikati ta' attendenza ta' courses u kwalifiki ohra;

[15] Depozizzjoni a fol 215 et seq.

- attendence sheet ta' risk assessment course mizmum fis-26 ta' Gunju 2004 u fit-30 ta' Gunju 2004 attendence sheet ta' risk assessment course mizmum fis-26 ta' Gunju 2004[16];
- ittra datata 15 ta' April 2004 li hija acknowledgement ta' applikazzjoni, datata 30 ta' Marzu 2004, ta'l-imputat ghall-kariga ta' Manager Occupational Health and Safety[17]; u
- Memo datat 18 ta' Mejju 2004 indirizzat lil Sharlon Caruana, Fire and Safety Officer u iffirmata minn FX Ellul u Emm Farrugia.

Huwa prezenta ukoll il-pjanti ta'l-isptar St Luke's imsemmija fid-depozizzjoni tieghu[18]. Jigi rilevat li ghalkemm fid-depozizzjoni tieghu[19] l-imputat isemmi Memo b'referenza 31/2003 mibghuta lilu minghand Mark Scicluna (in sostenn ta'l-allegazzjoni li hu kien ilu sa mis-sena 2003 ghamel dan ix-xoghol skond id-direzzjoni ta' Scicluna) dan il-Memo ma giex prezentat.

Illi in kontroezami kompla jinsisti li kien Scicluna li tah struzzjonijiet li jkompli jiffirma fin-nursing office. Jikkonferma li huwa xoghol ta' health and saftey f'l-isptar St Luke's dam jaghmlu mis-sena 2003 sat-2007. Ix-xoghol kien jaghmlu is-Sibt ghalkemm kien jiltaqa' ma' Scicluna jew il-Hamis jew il-Gimgha fil-ghaxija; jghid li gieli ghamel xoghol id-dar u li dan kien isir bi ftehiem ma' Scicluna. Jispjega li waqaf jghamel ix-xoghol ghaliex Scicluna ma baqax jikkuntattjah. L-imputat qal ukoll li kien hu li cempel lil human resources biex jistaqsi ghal Scicluna u qallhom li hu kien jiltaqa ma Dennis Grech jew Frans Ellul fuq struzzjonijiet ta' Scicluna u saqsa x'kien ser jaghmel pero hadd ma tah risposta. Aktar 'l quddiem in kontro ezami l-imputat jghid li Scicluna qallu biex fin-nuqqas tieghu, hukellu jikkomunika ma Dennis Grech u jiehu struzzjonjiet minghandu, minn ghand Frans Ellul u certu Emmanuel li huma nies relatati ma fire saftey. Jghid li Grech tah il-pjanti ta' St Luke's fuq struzzjonijiet ta' Scicluna biex jaghmel risk assessment u jhejji evacuation plans.

[16] Dok CC5 a fol 247.
[17] Dok CC7 a fol 253.
[18] Dok CC10 a fol 263.
[19] A fol 221.

Illi l-imputat ma ressaq l-ebda xhieda u lanqas talab li jigu mharrka xi persuni ohra bhala xhieda.

Ikkunsidrat

Illi jibda biex jinghad li ai termini tac-citazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bir-reat ta' truffa: l-ewwel imputazzjoni; u b'l-aggravju predispost f'l-artikolu 168 tal-Kapitolu 9: it-tieni imputazzjoni.

Illi f'dan l-istadju jkun opportun li l-Qorti tirriproduci t-tieni imputazzjoni:

> *u aktar tali fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi fil-kapacita tieghu ta' ufficjal jew impjegat pubbliku illi b'abbuz tal-kariga jew impjieg tieghu, sar hati ta' wiehed mid-delitti imsemmijin f'l-artikoli 166 u 167 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Din l-imputazzjoni tirriproduci verbatim l-artikolu 168 tal-Kaptitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghalhekk m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li b'din it-tieni imputazzjoni l-prosekuzzjoni qed tirreferi ghall-aggravju predispost f'din id-dispozizzjoni. Il-Qorti tghid aggravju ghaliex l-artikolu 168 ma jikkreax reat imma aggravju ghar-reati ravvizati f'l-artikoli 166 u 167; u biex jigi applikat l-artikolu 168 l-imputat irid jigi akkuzat u misjub hati tar-reati ravvizati f'l-artikoli 166 u/jew 167 liema reati ma gewx addebietati lill-imputat.

Illi f'dan l-istadju ghandha ssir referenza ukoll ghan-nota tar-rinviju tal-gudizzju ta'l-Avukat Generali. F'din in-nota, fir-raba paragrafu u b'referenza ghat-tieni imputazzjoni, l-Avukat Generali kwota l-artikoli 18, 166(1)(2)(3), 167(1)(2)(3) u 168(1)(2) tal-Kapitolu 9.

Illi dwar in-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali u l-mod kif din in-nota tiddefinixxi jew tirridimensjona l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' persuna imputata, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali esprimiet ruhha hekk:

> *Meta, ... ir-rinviju ghall-gudizzju jsir skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 370 ... ... , in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal dak ta' l-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali.*

> ***Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni***[20]*; l-Avukat Generali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jzid skuzanti. Bhal fil-kaz tal-att ta' akkuza, jekk fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju taht l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Generali jakkuza lil xi hadd bhala awtur ta' reat, il-Qorti tal-Magistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkuzat (Art. 370(3)(c)), tista' ssibu hati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat iehor anqas gravi izda kompriz u involut f'dak ir-reat, jew bhala komplici f'dak ir-reat. ........; Issa, fil-kaz in dizamina, l-Avukat Generali rrinvija .... skond l-Artikolu 370(3); ghalhekk ma jistax jippretendi li l-Qorti ... setghet issib lill-appellat hati ta' xi reat iehor, salv, naturalment, dak li ghadu kif inghad dwar it-tentattiv, ir-reat anqas gravi izda kompriz u involut, u l-komplicita.*[21]

Illi tenut kont ta' dan l-insenjament, tenut kont tal-fatt li ai termini tac-citazzjoni l-imputat ma giex addebiettat bir-reati predisposti f'l-artikoli 166 u 167 tal-Kapitolu 9 u ghalhekk ma saritx kumpilazzjoni dwarhom, tenut kont tal-fatt li l-Avukat Generali ma jistax izied reati li dwarhom ma saritx kumpilazzjoni, tenut kont tal-fatt li biex jissussti l-aggravju predispost f'l-artikolu 168 (imsemmi fic-citazzjoni u fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju) l-ewwel trid tinstab htija fir-reati predisposti f'l-artikolu 166 u/jew 167, il-Qorti necessarjament ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet paragrafu tan-nota ta' rinviju ghall-gudizzju in kwantu tirreferi ghar-reati ravvizati f'l-artikoli 166 u 167 tal-Kapitolu 9. La darba ghandu jitqies li l-imputat ma giex addebietat b'dawn ir-reati ma jistax jigi applikat l-aggravju predispost f'l-artikolu 168 u ghalhekk il-Qorti trid bil-fors tillibera lill-imputat minn dan l-aggravju.

Ikkunsidrat

Illi kif intqal permezz ta'l-ewwel imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bir-reat ta' truffa jew frodi innominata (reat minuri kompriz u involut fit-truffa).

---

[20] Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.
[21] Ref Il-Pulizija vs Michael Carter deciza 7 ta' Dicemebru 2001.

Illi dwar l-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat ta' truffa Francesco Antolisei jghid hekk:

> *Nucleo essenziale del delitto in parola e' l'inganno col quale una persona viene indotta a compiere un atto, positivo o negativo, che importa una diminuzione del suo patrimonio col profitto del agente o di altri. Il consenso della vittima, carpito fraudolentemente, caratterizza il reato ... Nella truffa ... l'agente, mediante artifizi o ragiri riecse ad ottenere che la vittima si danneggii da se: consgna una cosa, assuma un obbligazione, rinunzi ad un suo diritto, ecc: compia insomma un atto di disposizione pregudizievole per il suo patrimonio e vantaggioso per altri.*
>
> *La fattispecie oggettiva della truffa consta dei segwenti elementi:*
> *a) un particolare comportamento del reo, che il codice designa con l'espressione artifizi o raggiri;*
> *b) la causazione di errore, il quale ... deve a sua volta dare origine a una dispozione patrimoniale;*
> c) *un danno patrimoniale derivato dell'inganno con conseguente profitto per l'agente o altra persona.*[22]

Illi diversi sentenzi tal-Qrati taghna jirribadixxu dan l-istess insenjament. Fil-fatt il-Qorti ta'l-Appell Kriminali qalet hekk dwar l-elementi tar-reat ta' truffa:

> *Fil-Ligi taghna element essenzjali ghall-kostituzzjoni tar-reat ta' truffa hija l-mise en scene cioe dawk l-artifizi jew raggiri idonei li jinducu u li effettivament kienu inducew lill-vittma fi zball --- l-ingann --- u li b'konsegwenza ta' dak l-izball il-vittma taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qligh ghall-agent…… liema telf u qligh ikun rizultat ta' xi haga li taghmel jew tonqos li taghmel il-vittma ghax tkun giet ingannata.*[23]

Illi dwar id-distinzjoni bejn ir-reat ta' truffa u r-reat minuri ta' frodi innominata, huwa ormai ben stabbilit ukoll fil-gurisprudenza taghna li din id-distinzjoni hija determinata mit-tip ta' ingann adoperat mill-agent. It-tlett

---

[22] Manuale di Diritto Penale Parte Speciale I pagna 354.
[23] Ref Pulizija vs Emmanuele Ellul 20.06.1997.

elementi fuq elenkati huma rikjesti ghaz-zewg reati; huma il-mezzi adoperati biex jigi perpetrat l-ingann li jiddistingwi t-truffa mill-frodi innominati.

> *Fil-Ligi taghna biex ikun hemm t-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konswgwenti qliegh ghall-agent. Dan it-telf hafna drabi ikun jikkonsisti filli l-vittma, propju ghax ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent. Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi, dak li fid-dottrina huwa imsejjah mise en scene, ikun hemm it-trufffa; jekk le ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata.*
>
> *Kwantu ghall-kwistjoni ... jekk il-"gidba semplici" – a differenza tal-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal "qerq", cioe` tkun intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba, u basta, s'intendi, li tkun effettivament waslet ghal dan it-telf minn naha u arrikkiment min-naha l-ohra.*[24]

Illi dwar il-messa in xena l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

> *Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet*[25]

Illi x'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji ikkomment ukoll l-istess Antolisei[26]

> *artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita. .... E certo che l'espressione*

[24] Ref Pulizija vs Carmela German Appell Kriminali deciz 30.12.2004 u l-gurisprudenza hemm kwotata.
[25] Ref Pulizija vs Emanuel Ellul deciza 20.06.1997.
[26] Op cit pagna 356.

*del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera*.

Illi dan l-awtur pero jkompli jghid li:

*nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa*[27].

Illi stabbiliti dawn il-principji l-Qorti trid tghaddi biex tara jekk l-imputat, b'artifizi jew raggiri, induciex lill-uffcjali tad-Dipartiment tas-Sahha fi zball u jekk b'konsegwenza ta' dak l-izball id-Dipartiment ghamel xi haga li gabitlu telf patrimonjali bil-korrispondenti qligh ghall-imputat.

Ikkunsidrat

Illi l-prosekuzzjoni qed tibbaza il-kaz taghha fuq il-fatt li l-imputat kien qed jiffirma l-attendence register pero ma kienx qed jirrapporta ghax-xoghol ghand in-nursing officer u ghalhekk ma kienx qed jigi allokat f'sala jew ohra fejn hu suppost kellu jaghmel xoghol ta' reliever bir-rizultat li l-imputat kien qed jircievi salarju minghajr ma jahdem. Dawn il-fatti jirrizultaw ampjament mhux biss mid-dokumenti imma anke minn dak li qalu l-varji ufficjali imsemmija aktar 'l fuq. Aktar minn hekk dawn il-fatti mhux kontestati mill-imputat; anzi l-imputat jammetti li huwa kien jiffirma l-attendence register tan-nurses izda la kien imur jirrapporta ghand in-nursing officer u lanqas kien jaghmel xoghol ta' nurse fis-swali. L-imputat jghid pero li huwa minflok kien jaghmel xoghol relatat ma health and safety fuq inkarigu ta' Mark Scicluna, il-Human Resourses Manager.

Illi pero l-Qorti ma tqis lill-imputat bhala xhud kredibbli, il-verzjoni tieghu mhiex verosimili u fiha diversi kontradizzjonijiet; aktar minn hekk l-imputat ma ressaq l-ebda xhud biex jikkorrobora dak li jghid.

Illi wara li fis-sena 2001 ghat-tieni darba l-imputat waqaf mill-adempiment ta'l-obbligi kuntrattwali tieghu billi waqaf jirrapporta ghax-xoghol, inbdiet

[27] Op cit pagna 357.

korrispondenza u nbdew ukoll proceduri gudizzjarji li damu sejrin sas-16 ta' April 2004 meta intlahaq l-ahhar ftehiem bejn l-imputat u l-awtoritajiet tas-sahha a bazi ta' liema l-imputat kellu jippresta servizzi bhala nurse. Dan mhux kontestat mill-imputat, anzi hu jghid fil-parti inizjali tad-depozizzjoni tieghu li wara dan il-ftehiem huwa kien offrut xoghol fid-dipartiment ta'l-emergenza (dan minhabba t-training li huwa kellu f'dan il-qasam). Jghid li minhabba li kien ilu xi snin ma jipprattika ta' nurse hu ma hassx li kellu jigi allokat fid-dipartiment ta' l-emergenza. Huwa pero beda jahdem u fil-fatt bejn il-15 ta' April 2004 u it-22 ta' Mejju 2004 hadem tmien duties b'total ta' 87.5 siegha. L-imputat ikompli jallega li kien qed isib diffikolta biex jahdem il-hinijiet li kien intrabat ghalihom u f'dan l-istadju sar il-kuntatt ma Mark Scicluna (ghalkemm ma jiftakar xejn dwar kif sar il-kuntatt inizjali) li offrilu l-opportunita li minflok nursing duties jaghmel xoghol relatat ma' health and safety. F'din il-kronologija il-kuntatt ma' Scicluna (jekk sar) bil-fors sar wara April 2004 u probabbilment anke wara Mejju 2004. Pero l-imputat aktar 'l quddiem fid-depozizzjoni tieghu jghid li hu ix-xoghol f'l-isptar bdieh fis-sena 2003 tant li jezisti Memo ta' Mark Scicluna (li baqghet ma gietx prezentata) dwar ix-xoghol li kellu jinkarigah jaghmel. Il-Qorti difficilment temmen li fil-perjodu meta kienet qed tigi skambjata korrispondenza u proceduri gudizzjarji dwar l-inadempjenza kuntrattwali ta'l-imputat, u fil-perjodu meta dawn il-pendenzi gew transatti billi gie mgedded il-ftehiem originali fis-sens li l-imputat kellu jippresta servizzi bhala nurse ghal dak in-numru ta' sieghat li d-dipartiment kien jallega li l-imputat kien ghad jonqsu jahdem sa mis-sena 2001, l-imputat kien diga qed jippresta servizzi relatati ma health and safety, fuq direzzjoni ta' Mark Scicluna in adempiment ta' ftehiem li kien ghadu ma ntlahaqx.

Illi l-imputat jghid li dawn il-proceduri gabhom b'idejh ghaliex il-kwistjoni kollha inqalet meta, wara li nqata' kull kuntatt ma Mark Scicluna, hu cempel lill-human resources biex jara x'kien sar minn Scilcuna b'mod li jkun jista jkompli jircievi struzzjonijiet dwar liema xoghol kellu jkompli jwettaq. Pero l-imputat jghid ukoll li Scicluna kien qallu li f'l-assenza tieghu huwa kellu jiehu struzzjonijiet minghand Dennis Grech, Frans (Ellul) u Emmanuel (Farrugia). Jekk din l-ahhar asserzjoni hija veritjiera l-imputat ma kellux ghalfejn joqghod ifittex u jsaqsi ghal Scicluna ghaliex seta jirrikorri ghand Fenech jew Ellul jew Farrugia ghal struzzjonijiet dwar x'xoghol kellu

jwettaq. F'dan ir-rigward ghandu jinghad ukoll li qam id-dubbju dwar l-imputat mhux minhabba it-telefonata tieghu lill-Human Ressources meta staqsa ghal Mark Scicluna, imma meta xi hadd gibed l-attenzjoni ta' Emanuel Scerri (mis-salaries section) meta huwa mar jigbor ir-registri ghall-fatt li l-imputat kien qed jiffirma minghajr ma jahdem, u kien dan l-ilment lil Emanuel Scerri li wassal ghall-investgazzjoni dwar l-agir ta'l-imputat.

Illi nke ta' certa relevanza ukoll huwa l-fatt li meta zvelat l-agir ta'l-imputat, Emanuel Bezzina cempillu; ghal-mistoqsija f'liema ward kien irrapporta ghax-xoghol il-gurnata ta' qabel l-imputat ma qalx li huwa kien jaghmel xoghol ta' health and safety, ma semmiex lil Mark Scicluna, imma qallu li kien qieghed Fairyland. Anke fil-21 ta' Frar 2008, meta l-investigazzjoni interna fil-konfront ta'l-imputat klienet gia avvjata, u l-imputat cempel beix jara ghalfjen ma kienx qed jithallas, mistoqsi fejn kien allokat xoghol fil-granet ta' qabel hu qallhom li ma setghax jiftakar u li kien f'xi ward hdejn ir-rainbow ward[28].

Illi l-imputat jghid li huwa kien inghata struzzjonijiet biex jaghmel evacuation plans ghall-isptar St Luke's. Pero l-Qorti ghandha dubbju dwar din l-asserzjoni ukoll; dan in vista tal-fatt li dan kien il-perjodu meta kienet qed tigi pjanata il-migration ghall-isptar Mater Dei. Minbarra hekk il-Qorti difficilment temmen li l-elaborazzjoni ta' evacuation plans ta' sptar generali kienu ser jigi fdati lil persuna wahda li tahdem ftit sieghat is-Sibt.

Illi dwar id-dokumenti esebieti mill-imputat ghandu jinghad li huma kollha kopji mhux awtentikati. Huwa principju ben stabbilit li fil-kamp penali ghandha titressaq l-ahjar prova, ghalhekk kull dokument, mhux fil-forma originali, irid ikun awtentikat minn persuna kompetenti, altrimenti ma jissodisfax il-kriterju ta'l-ahjar prova.

Illi dan il-principju huwa ben assodat fil-gurisprudenza taghna. Fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-Pulizija vs Concetta Charles[29] il-Qorti ta'l-Appell Kriminali, skartat fotokopji bhala prova propju ghaliex mhux awtentikati; dik il-Qorti qalet hekk:

---

[28] Ref minuta 107 fil-file ta'l-imputat liema minuta hija konfermata b'gurament quddiem din il-Qorti.
[29] Deciza 27.07.2012.

*Ma hemmx dubju illi d-dokumenti mhux awtentikati provduti mill-appellanta, ghal dak li jirrigwarda fotokopji, ma jistghux jigu accettati bhala prova minn din il-Qorti.*

Illi ghalhekk dawk id-dokumenti kollha li huma fotokopja mhux awtentikata ma jistawx jinghtaw piz probatorju stante li mhumiex l-ahjar prova.

Illi fi kwalunkwe kaz anke kieku l-Qorti kellha taccetta dawn id-dokumenti bhala prova ammissibbli fil-verita ma jippruvaw assolutment xejn. B'referenza ghall-attendence sheets ta' xi courses mizmuma f'Gunju 2004[30], dawn id-dokumenti m'ghandhom l-ebda indikazzjoni minn organizza u minn mexxa il-course; u l-Memo iffirmat minn FX Ellul u Emm Farrugia, apparti li huwa indirizzat lil Sharlon Caruana, ma jaghti l-ebda ndikazzjoni ghalfejn inkiteb u f'liema kuntest u jekk fil-fatt huwiex verament indirizzat lill-imputat.

Illi dawn id-dubbji kollha jimmilitaw kontra l-kredibilita ta'l-imputat. L-imputat kellu l-opportunita li jirrizolvi dawn id-dubbji u kontradizzjonijiet billi jressaq bhala xhieda lill-persuni koncernati u jipprova dak li qed jallega imqar sal-grad tal-probabbli. Ghar-raunijiet li jafhom huwa biss, dan l-imputat m'ghamlux.

Illi dak li gie pruvat fil-kaz in ezami, u dan 'l hemm minn kull dubbju dettat mir-raguni, hu li fl-waqt li l-imputat kien imur jiffirma l-attendence register tan-nurses ma kienx imur jirrapporta ghax-xoghol ghand in-nursng officer b'mod li ma kienx qed jippresta xoghol bhala nurse minkejja li kien qed jithallas.

Illi fit-termini tal-gurisprudenza fuq kwotata dan l-agir ta'l-imputat jikkostitwixxi messa in xena li nduciet lid-dipartiment tas-sahha fi zball: l-ingann ta'l-imputat li minkejja li kien qed jiffirma r-registru ta'l-attendenza fil-fatt ma kienx qed jirraporta ghax-xoghol; dan iz-zball wassal lid-dipartiment biex jaghmel xi haga: jaghti salarju lill-imputat; bil-konsegwenti telf patrimonjali: il-hlas ta' salarju li ma kienx dovut; bi qligh ghall-imputat: salarju li rcieva minghajr ma presta l-ebda servizz.

[30] Dok CC5.

Illi fid-dawl tas-suespost l-Qorti hija sodisfatta li l-ewwel imputazzjoni tirrizulta pruvata fil-grad rikjest mill-Ligi.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu. Hadet in konsiderazzjoni ukoll dak li kien jipprovdi l-artikolu 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fiz-zmien meta sehh ir-reat cioe sas-sena 2008 u ghalhekk qabel l-emendi promulgati permezz ta'l-Att XXIV tas-sena 2014. F'dak iz-zmien il-piena prevsita fl-fatt kienet prigunerija minn tlettax il-xahar sa' seba' snin li ai termini ta'l-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tista tizdied bi grad.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta'l-imputazzjonijiet naxxenti mir-raba paragrafu tan-nota ta' rinviju ta'l-Avukat Generali in kwantu dan jirreferi ghar-reati prospettati f'l-artikoli 166 u 167 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah minnha, wara l rat l-artikoli 18, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta'l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah **tmintax (18) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal tlett (3) snin**; in oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28H ta'l-istess Kapitolu 9 qed tordna lill-imputat biex **fi zmien sitt xhur ihallas lid-Dipartiment tas-Sahha is-somma ta' wiehed u ghoxrin elf disgha mija u tlettin Euro (€21,930).**

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin u jekk ma jaghmilx il-hlas imsemmi.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**